MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 235/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ian Camilleri**
**Ernest Pulis**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ian Camilleri, Ernest Pulis u persuna ohra talli f’dawn il-Gzejjer, f’Mejju 2005 u fix-xhur precedenti, fil-Pace Guesthouse, Triq Sant’Agata, Sliema, b’diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksur l-istes disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(1) Xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta’ persuni ta’ nazzjonalita` barranin u Maltin;

(2) Zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew lokal iehor jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

(3) Lil Ernest Pulis wahdu talli f’dawn il-Gzejjer fl-14 ta’ Mejju 2005 u fix-xhur ta’ qabel minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm fil-fond Pace’s Guesthouse, Triq Sant’Aagat, Sliema, ezattament fil-kamra numru 12, armi tan-nar u munizzjon u cioe` pistol ta’ kulur iswed minghajr ghamlu 9 mm. bis-Serial Number C05304, pistol ghamla Valtrow 9 mm. bis-Serial Number F28684 u ghoxrin (20) 9 mm. bullets munizzjon;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta’ Mejju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lil Ernest Pulis hati tat-tielet imputazzjoni u ghalhekk illiberatu minnu izda sabet lil Ian Camilleri u l-istess Ernest Pulis hatja taz-zewg imputazzjonijiet l-ohra u kkundannathom ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn kull wiehed;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmi Ian Camilleri pprezentat fit-13 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata li biha gie misjub hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u gie kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sentejn u minflok tilliberah minn kull htija u piena jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata skond il-kaz;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Ernest Pulis ipprezentat fit-13 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn gie lliberat mit-tielet imputazzjoni u tirrevoka u thassar dik il-parti fejn huwa gie misjub hati ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u gie

kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sentejn u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-aggravju preliminari ta’ l-appellant Ian Camilleri;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-ewwel aggravju ta’ l-appellant Ian Camilleri li permezz tieghu jissottometti illi s-sentenza appellata hija nulla peress illi taghti biss gudizzju parzjali fil-konfront tieghu stante li l-ewwel Qorti ggudikatu biss dwar l-imputazzjonijiet emergenti mill-artikoli 7 u 8 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta izda ma ddikjaratx gudizzju dwar l-imputazzjonijiet taht l-artikoli 2, 3 u 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta. Difatti, jghid l-appellant Camilleri, min-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali datat 5 ta’ Settembru 2005, l-imputati kollha gew addebitati bir-reati emergenti mill-Kap. 66 imsemmi u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tesprimi gudizzju anke dwar tali reati.

Dwar dan l-aggravju, li mieghu aderixxiet ukoll l-abbli prosekutrici, l-appellant ghandu ragun. Huwa minnu li meta l-ko-imputati tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, gew originarjament akkuzati bi ksur ta’ disposizzjonijiet tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta u sussegwentement giet mizjuda imputazzjoni ohra fil-konfront ta’ l-imputat Ernest Pulis biss. Pero`, permezz tan-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-5 ta’ Settembru 2005 l-Avukat Generali addebita l-ksur ta’ disposizzjonijiet tal-Kap. 66 lill-imputati <u>kollha</u>. Ghalhekk dawn l-artikoli kellhom ukoll jigu kkunsidrati fir-rigward ta’ Ian Camilleri u l-ewwel Qorti tiddikjara l-htija jew nuqqas ta’ htija dwar l-imsemmijin artikoli.

Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter** deciz fis-7 ta' Dicembru 2001, meta **“r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost**

**dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat**" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Issa, skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9, il-Qorti, **"meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. F'kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata[1].

In-nuqqas fuq imsemmi certament irendi s-sentenza appellata nulla fil-konfront ta' l-appellant Ian Camilleri peress illi ma sar l-ebda pronunzjament dwar l-artikoli 2, 3 u 19 tal-Kap. 66 addebitati lilu wkoll mill-Avukat Generali. Dan l-annullament pero` ma ghandux jikkolpixxi s-sentenza in kwantu tirrigwarda l-ko-imputat Ernest Pulis li fil-konfront tieghu din il-Qorti ma tirravviza l-ebda nullita` -

---

[1] Ara l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Donald Cilia**, 24 ta' April 2002; **Il-Pulizija v. Benjamin Muscat**, 28 ta' Gunju 2002 u 10 ta' Lulju 2002; **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**, 9 ta' Settembru 2002; **Il-Pulizija v. Paul Cachia**, 25 ta' Settembru 2003; **Il-Pulizija v. Mark Portanier**, 14 ta' Settembru 2004; **Il-Pulizija v. John Axiaq et**, 19 ta' Mejju 2005; **Il-Pulizija v. Stefan Abela**, 2 ta' Frar 2006; **Il-Pulizija v. Anthony Borg**, 1 ta' Gunju 2006.

u, wisq inqas, fil-konfront ta’ Luiza Sharipova li giet liberata mill-imputazzjonijiet kollha u ma hemmx appell ta’ l-Avukat Generali fir-rigward taghha[2]. Konsegwentement s-sentenza appellata hi difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali u dan jirrendiha nulla fil-konfront ta’ l-appellant Ian Camilleri biss. Ghaldaqstant, u in vista tal-fatt illi hemm appell tal-ko-imputat Ernest Pulis dwar il-mertu tal-kaz u appell iehor ta’ l-Avukat Generali dwar il-piena, din il-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9, sejra tittratta l-kaz fil-mertu hi in kwantu jirrigwarda l-appellant Ian Camilleri.

Fl-ahharnett din il-Qorti tosserva illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti elenkat l-artikoli tal-ligi relevanti ghall-kaz qabel ma ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha. Huwa rakkommandabbli li, ghall-fini ta’ uniformita` u sabiex ikun hemm sekwenza logika fis-sentenza, l-artikoli li jikkontemplaw ir-reati li dwarhom tkun instabet htija (skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9) jitnizzlu fil-parti dispozittiva tas-sentenza.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel aggravju ta’ l-appellant Ian Camilleri, tiddikjara s-sentenza appellata nulla in kwantu tirrigwarda biss l-appellant Ian Camilleri u, a tenur ta’ l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9, sejra tghaddi biex tittratta l-kaz fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Qed issir ukoll referenza ghall-Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Katya Victoria Camilleri**, 19 ta’ Ottubru 2006 u **Il-Pulizija v. Charles Micallef**, 23 ta’ Gunju 1995 fejn gie ritenut li l-annullament tas-sentenza ma ghandux jikkolpixxi dawk l-imputazzjonijiet li l-akkuzat ikun gie liberat minnhom bis-sentenza appellata.